L-ISKRAPAN MALTIN FL-EWWEL SNIN TAL INGLIŻI F'MALTA

Fiż-żmien li n-nies tas-snajja' kellhom dawk il-Għaqdiet tagħhom li semmejna f'dan il-Qari ta' Diċembru 1930, l-ebda barrani ma kien jista' jiġi f'Malta u jiftaħ ħanut għal rasu jew jagħmilha ta' mgħallem f'xi sengħa. Il-barranin kienu jistgħu jaħdmu hawn Malta biss f'dawk is-snajja' li l-Maltin ma kenux jafuhom, inkella ma kienx ikun hawn nies biż-żejjed biex jaħdmu fihom.

Fl-ewwel snin tal-Ingliżi f'Malta, xaktarx li ma kenux isibu biż-żejjed Maltin buttara biex jaħdmu l-btieti. Għal-hekk, f'dis-sengħa, kienu jġibu jaħdmu l-Isqallin. Hekk ukoll ġara meta, fl-1802, riedu jgħaqqdu xi Battaljuni Maltin, għal Gwarniġon ta' Malta, fuq il-ftehim li kien sar fit-Trattat ta' Amiens. Min kien ħa x-xogħol biex jagħmel il-kpiepel ta' dawn is-suldati, ma sabx nies biż-żejjed biex jaħdmu f'din is-sengħa. Fuq hekk, billi dan ried ifittex iħejji 1400 kappel għall-Ewwel u t-Tieni Battaljun tal-"Provinċjali Maltin," u 200 kappel oħra għall-Battaljun tal-"Veterani Maltin," għamel petizzjoni lill-Gvernatur, biex iħalluh iġib in-nies minn Sqallija ħalli jaħdmu f'din is-sengħa.

Fiż-żmenijiet li qegħdin insemmu, barra milli l-ebda barrani ma kien jista' jagħmilha ta'Mgħallem fi Gżiritna,ħadd ukoll ma kien jista' jġib ħwejjeġ maħduma barra biex ibigħhom hawn. F'Malta kienu jistgħu jinġiebu biss dawk il-ħwejjeġ li hawn ma kenux isiru bħalhom. U dan kien isir, bil-fehma, biex il-Maltin tas-snajja' ma jonqoshomx ix-xogħol, biex ikunu jistgħu jgħixu u jżommu sewwa lil nieshom.

Għalkemm f'Malta kien kawn il-Liġijiet biex iħarsu x-xogħol tan-nies tas-snajja', xi drabi kien jiġri li f'Malta jiġu xi barranin u magħhom jinżertaw iġibu wkoll xi ħwejjeġ maħduma barra bil-ħsieb li jbigħuhom hawn. Iżda, biex dawn ma jmorrux minn taħt, wara n-nefqa li jkunu għamlu biex ġew sa hawn, il-Gvern kien iħenn għalihom, billi jħalluhom is-setgħa li jibqgħu ftit jiem f'Malta, ħalli, jekk ikunu jridu jeħilsu minnhom, ifittxu jbigħuhom u jerġgħu jbewġu fis minn hawn.

Ftit taż-żmien wara li kien spiċċa l-imblokk tal-Franċiżi u nfetħu l-bibien tal-Ibliet, wieħed skarpan minn Palermu, jismu Baskal Facciolà, tħajjar li jiftaħ ħanut il-Belt.

Dana Facciolà, wara xi għaxart ijiem li kien ilu li ġie mis-safar, għamel petizzjoni lill-Gvernatur. Fiha fisser, li f'dawn il-Gżejjer ġieb għadd ta' kurdwana (ġild Spanjol) u sola tal-muntun, b'madwar 3000 pied, fi flus ta' Malta. Dawn ġiebhom biex ibiegħhom u jmexxihom fis-suq ta' hawn. Iżda billi tawh ftit flus tagħhom, ma kabillux ineħħihom u jitlef minnhom. Għal din il-biċċa, deherlu li tkun ħaġa sewwa jibqa' hawn Malta, jiftaħ ħanut il-Belt u fih imexxi u jbiegħ il-ħwejjeġ li ġieb miegħu, inkella, billi hu kien Imgħallem tajjeb fis-sengħa ta' skarpan, jaħdimhom u jagħmilhom stvali u żraben, u hekk, billi kien ibiegħhom ftit ftit, kien ikun jista' jdaħħal flushom. Għalhekk talab lill-Gvernatur, li jħallih jiftaħ ħanut ta' skarpan.

Il-Ġeneral Pigot, li dik il-ħabta kien qe'd jagħmelha ta' Gvernatur ta' Malta, fit-3 ta' Marzu 1801, bagħat il-petizzjoni ta' Facciolà lill-Qorti. Din, wara li rat il-biċċa sewwa kif kienet u semgħet xqal il-Konslu tal-Iskrapan, tat ir-rapport tagħha lill-Gvernatur. Fuq li għarrfet il-Qorti, il-Gvernatur iddegrieta, li Facciolà ma jistâx jiftaħ ħanut għal rasu, imma jista' biss jaħdem ta' ħaddiem ma' xi Mgħallem.

Iżda Facciolà, bis-setgħa li qala', ħaddem rasu bi ħżunija hekk kbira, li ġie bħal qarraq b'kullħadd, u b'hekk kien ta' bosta ħsara għall-iskrapan maltin.

Għal din il-biċċa, l-imgħallmin skrapan maltin, flimkien mal-ħaddiema tagħhom, għamlu petizzjoni lill-Gvernatur Cameron, li kien laħaq wara Pigot. F'din il-petizzjoni qalu, li meta Baskal Facciolà, minn Palermu, tħajjar li jiftaħ ħanut il-Belt tal-istess sengħa tagħhom, kienu talbu lill-Gvernatur ta' qablu, lil General Pigot, biex ma jatihx din is-setgħa. Dana talbuhulu (lill-Pigot), mhux biss fuq li Facciolà kien barrani, u, kif igħidu l-Liġijiet ta' Malta, bħala barrani ma kienx jista' jieqaf jaħdem hawn, imma mħabba wkoll, li dana Facciolà hedded lill-iskrapan maltin li jagħmel ħiltu kollha biex itellfilhom il-għajxien tagħhom ta' kull jum, billi bl-imġieba ħelwa tiegħu, jeħdilhom ix-xogħol kollu tas-sengħa tagħhom. Il-Ġen. Pigot ħa ħsieb din il-biċċa u bagħat il-petizzjoni tagħhom lill-Qorti tal-Belt biex tieħu ħsieb hi u tagħmel mal-iskrapan maltin dak il-ħaqq li kien jinħtieġ. Fuq hekk, il-Qorti, b'reskritt, ma ħallietx lil Facciolà li jiftaħ ħanut għal rasu, imma tatu biss is-setgħa li jista' jaħdem, fis-sengħa tiegħu, bħala ħaddiem taħt it-tmexxija ta' mgħallem skarpan malti. U dan kien lilu mogħti taħt theddida, li kemm il-darba Facciolà jikser ir-rieda tal-Qorti, ikun jista' jeħel 20 uqija, jew dik il-piena oħra li tkun trid il-Qorti.

Facciolà, biex jiżloq u ma jaqax taħt il-piena li biha hedditu l-Qorti, ħa r-riħ bis-setgħa li tawh u staħba warajha. Sab imgħallem malti, li, imħabba l-faqar tiegħu, barra milli qatt ma fetaħ ħanut ta' skarpan, is-sengħa tiegħu dejjem kien jaħdimha fit-toroq. Facciolà daħħlu miegħu, u, taħt l-isem ta' dana l-imgħallem malti, fetaħ ħanut. Il-barrani qagħad, taparsi, bħala ħaddiem ma' dana l-Imgħallem, fil-waqt li s-sid ta' kollox ma kienx ħaddieħor ħlief Facciolà. Terġa', Facciolà ma kienx biż-żejjed għalih li, b'għamilu, daħak bil-Qorti u b'kullħadd, imma ssokta żied it-tgħajjir lill-imgħallmin skrapan maltin. Barra minn hekk, meta dan ra li, bir-rikors kollu li għamlu l-Maltin, ma rnexxilhomx il-ħsieb ta' rashom, li jbewġuh minn hawn għal kollox, Facciolà reġa' siefer għal artu, u, wara ftit taż-żmien, ġie l-ura lejn Malta, fejn miegħu ġieb 16 il ruħ oħra bħala ħaddiema skrapan.

B'din il-biċċa, l-iskrapan maltin, mhux biss talli kellhom it-telf fix-xogħol tagħhom, ma wkoll 16 l-iskarpan malti, li bi tbatija kbira kienu q'ed igħejxu lil nieshom b'din is-sengħa, ġew tilfu ħobżhom. Terġa', barra milli dina ma kenitx ħaġa sewwa li l-barranin jieħdu l-għajxien ta' kull jum lil maltin, l-iskrapan riedu wkoll jeħilsu minn kull għelt li seta' jinqala' bejnhom u bejn il-barranin, imħabba li, minn jum għall-ieħor, il-qiegħa ħabtet tisħon sewwa, u b'hekk, minn ħin għall-ieħor, seta' jinqala' l-ġlied.

Għal dawn il-ħwejjeġ kollha li semmew l-iskrapan maltin, f'dil-petizzjoni li għamlu, talbu lill-Gvernatur, bil-qima kollha, biex iġiegħel, li mhux biss ma jħallux jaħdmu hawn fis-sengħa tagħhom lil dawn il-barranin, ma wkoll li jiġu mħarsa l-Liġijiet ta' Malta, bħal ma hekk dejjem sar fiż-żmenijiet ta' qabel. U dan talbuhulu, billi kellhom tama fil-ħaqq u s-sewwa tiegħu, l-aktar meta jara l-għaks u l-ġuħ li waqa' fuqhom.

Il-Liġijiet li riedu jgħidu għalihom l-iskrapan Maltin, kienu dawk fejn isemmgħu, fuq li l-ebda barrani ma jista' jieqaf hawn Malta. Imħabba dawn il-Liġijiet, l-Imgħallmin skrapan maltin kienu għamlu, fl-Istatuti tal-Fratellanza tagħhom, li ma jistgħu jilqgħu l-ebda barrani magħhom fil-għadd ta' din is-sengħa, mhux biss bħala mgħallem, ma l-anqas bħala ħaddiem.

Għall-petizzjoni tal-Maltin, il-Gvernatur, fil-31 ta' Lulju 1801, ġiegħel lill-Qorti tal-Belt biex tgħarbel sewwa din il-biċċa.

Il-Qorti sejħet lil Baskal Facciolà u għarrfitu bil-petizzjoni li għamlu l-imgħallmin u l-ħaddiema skrapan maltin. Fuq

hekk, Facciolà għamel oħra biex iwaqqa' lil tagħhom. Fiha qal, li fil-petizzjoni tal-Maltin ma hemmx imniżżel l-ismijiet meħtieġa, biex wieħed jagħraf sewwa minn min hi magħmula, jiġifieri jekk hix magħmulha minn l-iskrapan kollha, inkella minn xi wħud minnhom biss. Barra minn hekk, Facciolà stagħġeb ħafna b'din il-biċċa li fuqu qanqlu n-nies tas-snajja. Deherlu, li fi Gżira bħal din, il-qagħda hawn tal-barranin u x-xogħol tagħhom kien meħtieġ ħafna. B'reħiet hekk, il-ħwejjeġ jorħsu, jiżdied il-kummerċ u x-xogħol isir iżjed bis-sengħa, kif hekk tassew kien qiegħed jitħalla li jintagħmel hawn. Terġa', ma jafx il-għala, l-iskrapan maltin għamlu għalih hekk bl-ikraħ, biex ibegħduh minn hawn, mingħajr ma għamel l-ebda ħtija. Iżda ma kienx jinħtieġ li wieħed imur fil-bogħod wisq u jsemmi żmenijiet ta' ilu, li fihom barranin, l-aktar Sqallin jew Taljani, li għażlu l-qagħda tagħhom f'din il-Gżira. Lil dawn mhux biss ħadd qatt ma kellimhom, imma baqgħu jaħdmu hawn is-sengħa tagħhom billi fetħu ħanut għal rashom. Wieħed mill-barranin kien l-iskarpan ta' ħila kbira, il-wisq imsemmi fis-sengħa tiegħu, l-Imgħallem Liborju La Porta, li ma kienx ilu wisq li miet meta Facciolà għamel il-petizzjoni tiegħu. Fi żmien Facciolà wkoll kien hawn l-imgħallem skarpan Duminku Grandolina u mgħallem ieħor (Facciolà ma semmiex ismu), li t-tfal tiegħu kienu qegħdin jaħdmu ta' skrapan, bla ħadd qatt ma kellimhom jew ma ħallihomx jissuktaw jaħdmu fis-sengħa tagħhom. Fis-snajja l-oħra wkoll kien hawn nies barranin. Bħala landier, l-Imgħallem Toni Gullo; ġojellier, Tedesco; arġentier, Pietro Migliorino; u kif hekk ukoll kien il-mejjet Lebrun. Fost il-ħajjata kien hawn l-Imgħallem Lippu Leone, Diegu Canninzaro, Ġużê Giacheri,Dandu u oħrajn, li Facciolà deherlu li ma kienx jinħtieġ li jissemmew.

Bħal ma f'Malta kien hawn nies barranin, hekk ukoll barra kienu jinsabu bosta Maltin li għażlu l-qagħda tagħhom f'bosta bliet u artijiet tal-Ewropa, bla ħadd ma kellimhom jew ma ħallihomx jaħdmu fis-sengħa tagħhom. Fuq hekk jidher sewwa, li l-iskrapan maltin ma kellhom l-ebda sies ta' setgħa li jduru għalih; imma dan għamluh għall-għira tas-sengħa, ħaġa li qatt ma kellha tkun ta' mġieba, la minn dawn l-iskrapan u l-anqas mill-Ħaqq. Iżda fuq kollox, Facciolà qal, li wieħed kellu jieħu ħsieb tiegħu, imħabba dak kollu li hu (Facciolà) għamel, kif ġieb ruħu fiż-żmien kollu tal-qagħda tiegħu f'Malta u fix-xogħol tas-sengħa tiegħu.

Ġużê Gatt.

(*Jissokta*)